

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2018 – BNP Paribas vs BĊE

(Kawża T-768/16) ⁽¹⁾

[*“Politika ekonomika u monetarja — Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu — Artikolu 4 (1)(d), u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 — Kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta’ lieva — Rifjut tal-BĊE li jawtorizza lill-parti rikorrenti teskludi mill-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta’ lieva l-iskoperturi li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet — Artikolu 429(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 — Setgħa diskrezzjonali tal-BĊE — Żbalji ta’ liġi — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”*]

(2018/C 352/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: BNP Paribas (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: K. Lackhoff, R. Bax, G. Bassani u C. Olivier, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: S. Hartikainen, aġent)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ECB/SSM/2016-ROMUWSFPU8M-PRO8K5P83/136 tal-BĊE tal-24 ta' Awwissu 2016, meħuda b'applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(d) u tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63), u tal-Artikolu 429(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifikasi ĠU 2013, L 208, p. 68, u ĠU 2013, L 321, p. 6).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni ECB/SSM/2016-ROMUWSFPU8M-PRO8K5P83/136 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tal-24 ta' Awwissu 2016 hija annullata.
- 2) Il-BĊE huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 6, 9.1.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2018 – Ċipru vs EUIPO – Papouis Dairies (Pallas Halloumi)

(Kawża T-825/16) ⁽¹⁾

[*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Pallas Halloumi — Trade mark ta’ ċertifikazzjoni tar-Renju Unit verbali preċedenti HALLOUMI — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)*]

(2018/C 352/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u V. Marsland, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Papouis Dairies Ltd (Nikosija, Ċipru) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Settembru 2016 (Każ R 2065/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u Papouis Dairies.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika ta' Ċipru hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 22, 23.1.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2018 – Ċipru vs EUIPO – POA (COWBOYS HALLOUMI)

(Kawża T-847/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea COWBOYS HALLOUMI — Trade mark ta' ċertifikazzjoni verbali preċedenti tar-Renju Unit HALLOUMI — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2018/C 352/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u V. Marsland, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Pagkypriosorganismos ageladotrofon (POA) (Latsia, Ċipru) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

Suġġett

Rikor ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Settembru 2016 (Każ R 2781/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u POA.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika ta' Ċipru hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 22, 23.1.2017.